MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 1/2015

Mobisle Communications Ltd

Vs

Roberta Elizabeth Ward

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erba' mija u erbgha u erbghin Ewro u tletin centezmu (€444.30) import ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni fil-kont numru 40184838, liema somma tinkludi l-ispejjes ta' ittra ufficcjali fl-ammont ta' tnejn u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€62.41) Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenuta giet notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenuta qatt ma pprezentat risposta jew dehret biex tikkontesta t-talba.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tal-hdax (11) ta' Marzu  tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza in difett ta' ostaklu ghas-seduta tal-lum.

Ra l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenuta naqset milli tikkontesta din it-talba. Fil-fatt hija la pprezentat risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deheret quddiem it-tribunal sabiex tikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenuta saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'L-Orizzont' . Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi. Peress illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) kienu ghadhom ma ghaddewx it-tmintax il-jum koncessi ghar-risposta, l-kawza giet differita ghas-sentenza, ghal terminu wara dak il-perjodu pero in difett ta' ostaklu.

Illi fis-seduta tal- hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' opposizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

It-tribunal josserva illi pero hija prassi hazina illi l-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali jigu mizjuda mas-sorte. Dawn ghandhom jiffurmaw parti mill-kap ta' l-ispejjes. Ghalhekk dawn ser jitnaqqsu mis-sorte u jigu mizjuda taht il-kap ta' l-ispejjes.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, kif spjegat jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€ 381.89), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-quddiem. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kontra il-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------